MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2003

Appell Kriminali Numru. 155/2003

Il-Pulizija
(Spettur J. Sacco)
(Spettur M. Bonello)
Vs

Jeremy James Farrugia

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :

1) Talli matul il-lejl ta' bejn it-12 u 13 t'April 2000 gewwa Birkirkara kkommetta serq ta' flus u oggetti li l-valur taghhom huwa ta' aktar minn LM100 izda anqas minn LM1000 mill-Florentine Stationary ta' Fleur De Lys, Birkirkara, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur, lok u hin ghad-detriment ta' Emanuel Gauci;

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-LM10 imma inqas minn LM500;

3) U aktar talli matul il-lejl ta' bejn is-7 u 8 ta' Gunju 2000 gewwa Birkirkara kkommetta serq ta' flus u oggetti ohra li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira Maltin (LM100) mill-Kunvent Terezjan, Birkirkara, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur, lok u bil-hin ghad-dannu tas-Santwarju ta' Santa Tereza gewwa Birkirkara u entitajiet jew persuni ohra;

4) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, liema hsara teccedi il-hames mitt lira Maltin (LM500);

5) U aktar talli matul il-lejl ta' bejn il-11 u 12 ta' Lulju, 2000 gewwa Birkirkara kkommetta serq ta' flus u cekkijiet li l-valur taghhom huwa ta' aktar minn elf lira Maltin (LM1000) minn Gauci Stores, Birkirkara, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, lok u hin ghad-detriment ta' Albert Gauci mill-Iklin;

6) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli w liema hsara ma teccediex l-ghaxar Liri Maltin (LM10);

7) U aktar talli matul il-lejl ta' bejn it-28 u 29 ta' Lulju, 2000 gewwa Birkirkara kkommetta serq ta' flus u oggetti ohra ghall-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (LM100) minn Springfield Stationary, Birkirkara liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u bil-hin ghad-detriment ta' Gordon Sciberras minn Birkirkara;

8) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjment hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma teccediex is-somma ta' hamsin lira Maltin (LM50), imma teccedi l-ghaxar liri Maltin (LM10);

9) U aktar talli matul il-lejl ta' bejn it-28 u 29 ta' Lulju, 2000 gewwa Birkirkara, bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur ghad-detriment ta' Victor Zammit wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi kisser hgiega tal-vetrina tal-Ispizzerija Fleur De Lys, ta' Birkirkara, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

10) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt Lira Maltin (LM500) imma hija aktar minn hamsin lira Maltin (LM50);

11) U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, hinijiet u cirkostanzi imsemmija hawn fuq u fil-granet ta' wara xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

12) U aktar talli sar recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 24 ta' Novembru 1999 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

13) U ukoll talli kiser il-provedimenti tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-28 ta' Lulju, 1999 fejn kien gie misjub hati ta' reat u tpogga taht is-supervizzjoni ta' Probation Officer ghal sentejn.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Lulju, 2003 li biha, wara li rat l-Artikoli 18, 261 (b)(c)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 278, 330, 279(1), 279(2), 280, 281, 41(1), 41(9), 325, 334, 289, 49, 50, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikoli 5, 9, 10 u 12 tal-Kap. 152, u l-Artikoli 17, 37 u 533 tal-Kap. 9, iddikjarat lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu w ikkundannatu

ghall-prigunerija ta' tlett snin, u kkundannatu wkoll sabiex fi zmien xahar ihallas l-ispejjes kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz, filwaqt illi lliberatu mis-sitt, mis-seba' w mit-tmien imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 t'Awissu 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tvarja, tbiddel u timmodifika l-piena inflitta fuq l-appellant, tikkonfermaha fil-kumpliment, u dan taht dawk il-provvedimenti illi tixtieq timponi w li jidrilha xierqa w opportuni.

Rat illi l-aggravju tal-appellant hu li l-piena kienet wahda eccessiva w sproporzjonata ghax ma ttiehdux in konsiderazzjoni l-eta' tenera' tal-appellant , l-istqarrija tal-appellant li fiha l-appellant ammetta li seraq taht l-influwenza ta' xorb ,l-ammissjoni bikrija . li l-appellant isofri minn "hyperkinetic disorder u conduct disorder" u li kellu jigi applikat l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali w dan ma sarx .

Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni registrat fl-udjenza tal-1 t' Ottubru, 2003 li bih oggezzjonat ghall-esebizzjoni tad-dokumenti esebiti mar-rikors tal-appell a fols 283 sa 306 tal-process ;

Rat id-Digriet taghha tal-istess data li bih , peress li rrizulta li dawn id-dokumenti gew esebiti minghajr ma ntalab il-permess tal-Qorti , ordnat l-isfilz tal-istess dokumenti mill-process;

Rat it-talba tad-difiza sabiex id-dokumenti sfilzati jigu ri-integrati fil-process peress li la l-akkuzat u lanqas id-difensuri ma kienu jafu bihom qabel l-sentenza appellata ;

Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni li bih obbjettat li huwa l-appellant li ma jridx ikun jaf bihom qabel is-sentenza w mhux id-difiza ;

Rat id-Digriet taghha li bih irrizervat li tipprovdi fuq din it-talba mas-sentenza finali ;

Semghet it-trattazzjoni,

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza ;

Ikkonsidrat ;

Illi dwar dan l-appell li hu ristrett ghall-piena nflitta mill-Ewwel Qorti , l-ewwel punt li jrid jigi deciz hu jekk id-dokumenti annessi mar-rikors tal-appell u li gew sfilzati b'ordni tal-Qorti, ghandhomx jigu reintegrati fil-process minkejja l-oppozizzjoni tal-Prosekuzzjoni ghal dan **.**

Illi f'dar-rigward l-artikolu 424 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li :-

**"Quddiem il-Qorti superjuri ma jistghux jingiebu xhieda godda , hlief –**
*(a) Jekk jigi pruvat bil-gurament jew b'mezzi ohra li l-parti li toffri x-xhieda godda ma kienetx taf bihom , jew ma setghatx , bil-mezzi li taghti l-ligi , iggibhom quddiem il-Qorti inferjuri ;*
*(b) jekk il-prova tkun giet offerta quddiem il-qorti inferjuri , u din il-Qorti , bla ma kien imissha , cahdet din il-prova ."*

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl**-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Eddie sive Edward Micallef" [24.5.1995] :-**

*"Din id-dispozizzjoni giet fil-gurisprudenza taghna nterpretata li tipprojbixxi l-produzzjoni mhux biss ta' xhieda godda izda ta' provi , cioe' anki dokumenti, godda . Dan ghar-raguni , gusta fil-fehma ta' din il-Qorti , li f' dan l-istadju ta' l-appell dak li ghandu jigi ezaminat huwa biss jekk l-ewwel gudikant iddecidiex tajjeb jew hazin fuq il-provi li kellu quddiemu (ara Kollezz. Vol.XXVII , IV. 742 u XXX. IV. 623.) "*

Illi f'dan il-kaz la saret il-prova li l-appellant ( u mhux id-difiza kif issa komposta) ma kienx jaf bid-dokumenti in kwistjoni w lanqas li ma setghax ikun taf bihom . Jekk

dawn kienu dokumenti esebiti f'kawzi ohra tal-istess appellant, imissu kien a konoxxenza taghhom . Lanqas ma jidher li jirrikorru l-fattispecji msemmija fis-subinciz (b) fuq citat . Ghalhekk din il-Qorti qed tichad it-talba tad-difiza ghall-inserzjoni fil-process ta' dawn id-dokumenti gja minnha sfilzati .

Illi f'kaz ta' appelli dwar il-piena l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" [24.4.2003] u ohrajn.)**

Illi dwar l-ewwel aggravju li l-Ewwel Qorti ma ikkonsidratx l-eta' tenera tal-appellant meta tat is-sentenza apparti li hu kontradett mill-istess kliem tal-paragrafu li jikkontjeni dan l-aggravju fejn jintqal testwalment : *"L-Ewwel Qorti irriferiet ghal fatt illi r-rikorrent kien minorenni meta ikkommetta r-reati…"* , hu fattwalment skorrett ghax fil-paragrafu penultimu tas-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qalet testwalment hekk :-

*"Madankollu l-Qorti trid tqis il-fatt illi l-imputat kien minorenni meta ikkommetta r-reati in kwistjoni …"*

Ghalhekk dan l-aggravju hu manifestament infondat u jirrazenta l-appell fieragh .

It-tieni ilment hu li l-Ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-istqarrija tal-appellant u partikolarment il-fatt li hu ammetta li seraq taht l-influwenza ta' xorb . Issa fl-istqarrija tieghu a fol-217 tal-process l-appellant isemmi li kien xorob inbid BISS fit-13 t' April, 2000 . Pero' hu akkuzat u ammetta serq u danni volontarji mhux biss f'din id-data izda ukoll fl-iljieli tas-7 u 8 ta' Gunju, 11 u 12 ta' Lulju, u 28 u 29 ta' Lulju ,2000 u f' ebda wahda minn dawn l-okkazzjonijiet ma semma li kien xorob. Inoltre hu ma qalx li kien taht l-influwenza ta' xorb imma biss li kien xorob x'inbid minghajr ma semma l-kwantita' u x'effett dan kellu fuqu w jekk dan wassalx biex hu f'dik l-okkazzjoni

wahda kienx fi stat ta' sokor. Barra minn dan , skond l-artikolu 34 (2) tal-Kodici Kriminali , s-sokor jista' jingieb bhala eccezzjoni kontra akkuza kriminali kemm il-darba minnhabba f' hekk persuna akkuzata , fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas in kwistjoni ma kienetx kapaci li tifhem jew li jkollha l-volonta' w li kienet tinsab fi stat ta' sokor bla ma riedet , bl-eghmil doluz jew negligenti ta' persuna ohra ; jew li minnhabba s-sokor il-persuna akkuzata kienet fi stat ta' genn , temporanjament jew xort' ohra . Illi minn dan kollu ma jirrizulta xejn mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti. Ghalhekk l-Ewwel Qorti ghamlet sew li ma haditx dan il-fattur in konsiderazzjoni w dan l-aggravju fic-cirkostanzi wkoll jirrazenta l-appell fieragh.

Illi ghar-rigward tal- aggravju dwar tnaqqis fil-piena minhabba l-ammissjoni bikrija,l-principji regolaturi gew magisterjalment esposti fis-sentenzi citati mill-appellant fir-rikors tieghu . Issa kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : "I**l-Pulizija vs. Emmanuel Testa**" [17.7.2002]:-

"..kif gie ritenut (minn din il-Qorti kollegjalment komposta) fis-sentenza **"Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" (5 ta' Lulju, 2002) l-ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem , jew b' xi forma ta' dritt jew awtomatikament , tissarraf f' riduzzjoni fil-piena. Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha tal-24 ta' Frar, 1997 , fl-ismijiet **"ir-Repubbblika ta' Malta" vs. Nicholas Azzopardi** " , u dana b'riferenza ghall-prassi tal-Qrati Inglizi . F'dik is-sentenza kienet saret riferenza ghall-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited) . Din il-Qorti ser tirriproduci l-bran rilevanti mill-edizzjoni tal-2001 ta' dan il-manwal , u dana peress li hija taqbel mall-principji espressi f'dana l-bran u qed taghmlu taghha :

*"although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate 'discount' has never been fixed. In BUFFERY (1992) 14 Cr. App. R. (S) 511 Lord Taylor CJ indicated*

*that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount ", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea . In determining the extent of the discount , the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) Cr. App. R. (S) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (Wood (1997) 1 Cr. App. R. (S) 347) and/ or given significant help to the authorities (Guy (1992) 2 Cr. App. R. (S) 24) . Where an offender has been caught red-handed and a guilty plea is inevitable , any discount may be reduced or lost (Morris (1998) 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy (1995) 16 Cr. App. R. (S) 908) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons , such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington (1985) 82 Cr. App. R 281; Okee (1998) 2 Cr. App. R. (S) 199) . Similarly , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the fact at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams (1990) 12 Cr. App. R (S) 415. The leading case in this area is COSTEN (1989) 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount might be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence , be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence , and (iii) where the offender had been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain . It was also established in COSTEN that the discount may be reduced where the accused pleads guilty to specimen counts ."*

Illi hu minnu li fl-udjenza tad-9 ta' Jannar, 2002 , l-appellant kien iddikjara li behsiebu jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu fl-istadju

permess lilu skond il-ligi (Fol. 10 tal-process) u li fl-istqarrijiet tieghu mall-Pulizija l-appellant ammetta l-involviment tieghu fir-reati li hu akkuzat u nstab hati taghhom. Mill-banda l-ohra pero' dan ma jfissirx li hu ghandu jigi ezonerat minn kull piena jew kastig. Fis-sentenza appellata umbaghad l-Ewwel Qorti semmiet il-fatt li l-appellant "ammetta l-involviment tieghu f'hames serqiet" (fol.270) u ghalhekk ma jistax jintqal li dan ma ttiehidx in konsiderazzjoni fis-sentenza appellata , sia pure li dan ma ssemmiex fil-paragrafu penultimu dwar il-piena fejn idealment kellu jissemma .

Illi tenut kont li l-appellant seta' wehel piena ferm oghola w akbar minn dik li wehel , l-Ewwel Qorti jidher li qieset dan il-fattur ma fatturi ohra , partikolarment il-kondotta refrattarja tal-appellant , meta giet biex tapplika l-piena .

Illi dwar l-istat psikiku tal-appellant li allegatament jista' jirrizulta minn xi dokumenti li mhumiex "in actis" ghax ma gewx esebiti mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti, apparti li din il-Qorti ma ghandha ebda prova ta' dan quddiemha , jintqal li skond il-ligi taghna, s-"semi responsibility" mhix accettata bhala wahda mid-difizi kontra akkuza kriminali . Fil-kors tat-trattazzjoni d-difiza giet interpellata mill-Qorti biex tiddikjara jekk kienetx qed tissolleva formalment l-eccezzjoni tad-demenza izda d-difiza ddikjarat li mhux qed teccepixxi d-demenza izda biss "special circumstances" taht l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali .

Issa kif jghid il-**Professur A. Mamo (Notes on Criminal Law – Part I . (1956) p. 89) :-**

*"…this rule has not been accepted in our law , notwithstanding that a proposal for the introduction in our Code of this doctrine of limited responsibility was made in the Council of Government ….It was considered that the acceptance of this doctrine would raise insuperable difficulties to determine the existence of such borderline disorder in the defendant and to decide whether and, if so, to what extent it was a contributory cause in his criminal conduct . However , it is a rule of our law that the peculiar temperament , excitability and idiosyncrasies of the*

*defendant are not considered for purposes of responsibility .“*

Lanqas ma jista’ jittiehed dan l-istat psikiku allegat u mhux pruvat bhala bazi biex – kif qed tissottometti d-difiza , dan jittiehed bhala xi “special circumstance” biex tiggustifika lill-Qorti biex tati piena taht il-minimu preskritt mill-ligi .

L-artikolu 21 tal-Kap.9 jiddisponi li :-

*“..il-Qorti tista’ ghal ragunijiet specjali u straordinarji li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza , taghti dik il-piena izghar li , fid-diskrezzjoni taghha , tkun tixraq ghad illi jkun hemm stabilit l-inqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat ….”*

Mela din hi fakolta’ diskrezzjonali li tinghata lill-Qorti w mhux xi dritt tal-appellant li jibbenefika mill-applikazzjoni taghha w konsegwentement l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li fic-cirkostanzi ma tezercitax din id-diskrezzjoni fil-konfront tal-appellant odjern , specjalment fid-dawl tal-kondotta refrattarja tieghu li ghaliha saret riferenza fis-sentenza appellata.

Din il-Qorti wkoll fliet bir-reqqa il-fedina penali tal-appellant li apparti kazijiet ohra li ghad ghandu pendenti quddiem il-Qrati – kif dikjarat mid-difiza waqt it-trattazzjoni - gie misjub hati w sentenzjat ghall-reati serji ghall-mill-inqas seba darbiet. Hekk fl-24 ta’ Novembru, 1999 , instab hati ta’ reat kontinwat ta’ serq aggravat bil-vjolenza, mezz, valur u bix-xorta tal-haga misruqa w gie kkunndannat tlitt xhur habs. Fit-28 ta’ Lulju, 1999, gie misjub hati ta’ tentattiv ta’ serq aggravat bil-vjolenza , hin , ammont u valur u hsara volontarja fi proprjeta’ u ta’ vjolazzjoni ta’ proprjeta’ w tpogga taht probation. Fit-3 ta’ Lulju, 2001 , instab hati ta’ ricetazzjoni, sewqan bla licenzja w insurance , offiza gravi nvolontarja w danni volontarji fit-22 u 23 ta’ Marzu, 2000 u dan meta kien ghadu taht probation u gie kundannat ghall-sena prigunerija sospiza ghall-sena. Ukoll fit-18 t’ Ottubru, 2001 rega nstab hati ta’ reat kontinwat ta’ serq ikkwalifikat bil-vjolenza , hin, mezz , valur u bil-haga misruqa u dana fis-7 t’ April, 2000 wara li

kien tpogga taht probation u gie kundannat ghal sena prigunerija sospiza ghall-sentejn. Fid-9 ta’ Mejju, 2002, gie kundannat ghall-ghoxrin xahar prigunerija wara li nstab hati ta’ serq ta’ deheb aggravat bil-mezz , hin, valur u vjolenza , hsara volontarja w ricettazzjoni w recidiva. Fl-14 t’Ottubru, 2002, instab hati talli attakka u rrezista persuna inkarikata skond il-ligi w li ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq Pulizija  w reati ohra.  Barra minn dan b’sentenzi ohra nstab ukoll hati ta’ reati ta’ theddid, storbju ,ngurji kontra pulizija w reati tat-traffiku . Illi minkejja dan kollu w minkejja li l-Qrati ripetutament tawh l-opportunita’ biex jindem u jieqaf mill-hajja kriminuza tieghu u kien tpogga taht probation,  l-appellant ikkommetta r-reati mertu ta’ din il-kawza anki waqt l-istess periodu ta’ probation.

Illi fid-dawl ta’ l-kondotta mill-aktar refrattarja tal-appellant l-Ewwel Qorti kienet altru milli gustifikata li tapplika l-piena karcerarja li applikat fil-konfront tieghu w din il-Qorti ma thossx li ghandha ragunijiet biex tiddisturba d-diskrezzjoni taghha w wisq inqas biex tapplika hi d-dispozizzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap.9 biex tinfliggi xi piena inqas mill-minimu preskritt mill-ligi in sostituzzjoni tal-piena inflitta mill-Ewwel Qorti .

Ghaldaqstant l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata konfermata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------